# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 12 ta' Marzu tas-sena 2002.**

**Numru 9**

**Avviz numru 162/00/SM**

**Korporazzjoni EneMalta.**

**vs**

**Angelo Schembri u b'digriet datat 4 t'April, 2000 "Camray Contractor Limited u Korporazzjoni Maltija tal-Izvilupp" kjamati fil-kawza.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-14 ta' Frar tas-sena 2000 li permezz tieghu l-Korporazzjoni attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u wiehed u ghoxrin Liri Maltin u tmienja u tletin**

**centezmu (LM321.38,0), rapprezentanti danni minnu jew minn impjegati tieghu kkagunati f'cable tal-elettriku proprjeta' tal-Korporazzjoni attrici, liema incident okkorra nhar is-7 t'Awissu, 1996 f'Corradino Industrial Estate, Paola, u ghal liema danni hu unikament responsabbli minhabba negligenza da parti tieghu jew ta' impjegati tieghu waqt x-xogholijiet ta' eskavar li hu jew impjegati tieghu kienu qeghdin jesegwixxu;**

2. **Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 3 ta' Marzu 1998, flimkien mal-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta' l-ittra ufficjali u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-28 ta' Frar tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi t-talbiet attrici, in kwantu dirett lejn l-eccipjent huma nfondati sia fil-fatt u sia fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li huwa kien qed jesegwixxi l-istruzzjonijiet lilu mghotija minn Camray Contractors Limited minnha nkarigat – liema socjeta' kienet qed issegwi l-istruzzjonijiet tal-Malta Development Corporation;**

2. **Illi l-eccipjent qed formalment jitlob il-kjamata fil-kawza ta' l-istess Camray Contractors Limited u Malta Development Corporation;**

3. **Salv eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Rat il-verbal datat l-4 t'April tas-sena 2000 li permezz tieghu ordnat il-kjamata in kawza ta' Camray Contractors Limited u tal-Korporazzjoni ghal Izvilupp ta' Malta;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-12 t'Ottubru 2000 li permezz taghha s-socjeta' Camray Contractors Limited eccepiet is-segwenti:**

1. **Illi t-talbiet attrici fil-konfront tad-ditta kjamata in kawza huma infondati fil-fatt u fid-dritt;**

**2. Illi fil-konfront tal-eccipjenti t-talba hija preskritta bil-preskrizzjoni tas-sentejn Art 2153 tal-Kodici Civli;**

**3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici ma jistghux iregghu kontra d-ditta kjamata fil-kawza;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-25 t'Ottubru tas-sena 2000 li permezz taghha l-Korporazzjoni ghal Izvilupp ta' Malta eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi t-talba attrici hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-Korporazzjoni kjamata fil-kawza m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mal-Korporazzjoni attrici;**

**3. Illi ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost l-istess Korporazzjoni kjamata fil-kawza lanqas m'ghandha relazzjoni guridika mal-konvenut Angelo Schembri stante illi l-istess konvenut qatt ma tqabbad mill-Korporazzjoni ghal Zvilupp ta' Malta sabiex iwettaq xogholijiet fil-Qasam Industrijali ta' Kordin;**

**4. Illi fil-fatt il-kuntratt ta' xogholijiet li kellhom jitwettqu gewwa l-Qasam Industrijali ta' Kordin kien inghata lil Camray Contractors Limited permezz ta' tender mahrug mid-Dipartiment tal-Kuntratti;**

**5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-Korporazzjoni kjamata fil-kawza ma kkawzat l-ebda hsarat u ghalhekk m'ghandiex tinzamm responsabbli ghad-danni;**

**6. Illi wkoll minghajr pregudizzju ghas-suespost il-kwantum tad-danni qieghed jigi kontestat;**

**7. Salv eccezzjonijiet ohra;**

**8. Bl-ispejjez;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi meta fis-7 t'Awissu ta' l-1996 l-konvenut Angelo Schembri gie biex jeffettwa xogholijiet fil-qasam industrijali ta' Kordin ikkaguna l-qtugh ta' "cables" ta' l-elettriku;**

2. **Illi jirrizulta li qabel ma beda jeffettwa dawn ix-xogholijiet il-konvenut Schembri ma otteniex il-permessi preventivament necessarji ghal dan ix-xoghol;**

3. **Illi l-hsarat ikkagunati mill-konvenut Schembri jammontaw ghall-tlett mija u wiehed u ghoxrin Lira Maltin u tmienja u tletin centezmu, (LM321.38,0);**

4. **Illi l-konvenut Schembri jsostni verbalment li hu ghamel tajjeb ghall-hsara in dizamina;**

5. **Illi s-socjeta' kjamata in kawza Camray Contractors Limited qatt ma rceviet l-ebda dokumentazzjoni ufficcjali mill-qorti in konnessjoni ma dan il-kaz;**

6. **Illi l-korporazzjoni kjamata in kawza l-istess qatt ma rceviet l-ebda dokumentazzjoni ufficcjali mill-qorti in konnessjoni ma dan il-kaz;**

7. **Illi di piu' l-konvenut Schembri jsostni li meta mar jeffettwa x-xogholijiet in dizamina sab il-marki fil-bankina u hadem fuqhom;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam mas-socjeta' u mal-Korporazzjoni kjamati in kawza stante li ma jirrizultawx li kienu debitament ufficcjalment interpellati minn xi wiehed mill-partijiet ghall-perjodu minn Awissu ta' l-1996 sallum, allura l-procedura in dizamina hi preskritta fil-konfront taghhom;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi rigward il-konvenut Schembri dan sintetikament jallega zewg difizi:**

**a. Li gia' hallas ghad-danni minnu kkagunati;**

**b. Li hadem fuq xi marki li sab;**

**Illi apparti l-fatt li z-zewg difizi jimmilitaw favur l-ammissjoni da parti tieghu ghall-akkadut ghalkemm il-konvenut Schembri jissolleva dawn l-allegazzjonijiet ma ressaq l-ebda prova biex jissostanzjhom;**

**Illi in oltre l-allegazzjoni tal-korporazzjoni attrici tirrizulta sostanzjalment ippruvata ghas-segwenti ragunijiet;**

1. **Illi x-xoghol in dizamina jirrizulta subappaltat lill-konvenut Schembri;**

2. **Illi l-konvenut Schembri jirrizulta li effettwa x-xogholijiet in dizamina;**

**Ghaldaqstant din il-qorti in vista tal-premess filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut Schembri, tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni tal-kjamati in kawza u tilliberhom mill-osservanza tal-gudizzju u tilqa' wkoll it-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut Angelo Schembri jhallas lill-Korporazzjoni EneMalta l-ammont ta' tlett mija u wiehed u ghoxrin Lira Maltin u tmienja u tletin centezmu, (LM321.38,0), bl-ispejjez mid-data ta' l-ittra ufficcjali tat-3 ta' Marzu ta' l-1998.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**